

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea lill-programmi nazzjonali ta' 10 Stati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Finlandja) fl-2012 għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 3024)

(It-testi bil-Franċiż, Olandiż, Bulgaru, Daniż, Estonjan, Taljan, Grieg, Latvjan, Rumen, Sloven, Finlandiż u Svediż biss huma awtentiċi)

(2012/276/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implementazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jircieu kontribuzzjoni mill-Unjoni Ewropea għan-nefqa mgħarrba fil-programmi nazzjonali tagħhom għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta.
- (2) Dawk il-programmi għandhom jitfasslu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u l-appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (2) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 tal-14 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd (3).
- (3) Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Finlandja ppreżentaw il-programmi nazzjonali għall-2011 sal-2013 kif ipprovdut fl-Artikolu 4(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008. Dawn il-programmi ġew approvati fl-2011 skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008.
- (4) Dawk l-Istati Membri ressqu wkoll il-previżjonijiet baġi-tarji annwali għall-2012 skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1078/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-

implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mgħarrba mill-Istati Membri għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta bażika dwar is-sajd (4). Il-Kummissjoni evalwat il-previżjonijiet baġi-tarji annwali tal-Istati Membri, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008, billi kkunsidrat il-programmi nazzjonali approvati.

(5) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tapprova l-previżjoni baġi-tarja annwali u għandha tiddeċċiedi dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni għal kull programmi nazzjonali skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 u abbażi tar-riżultat tal-evalwazzjoni tal-previżjonijiet baġi-tarji annwali kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008.

(6) L-Artikolu 24(3)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 jistabbilixxi li Deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tiffissa r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament jipprovd li l-miżuri finanzjarji tal-Unjoni fil-qasam tal-ġbir ta' dejta bażika ma għandhom jaqbżu l-50 % tal-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri fit-twettiq tal-programm ta' ġbir, ġestjoni u użu ta' dejta fis-settur tas-sajd.

(7) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi d-deċiżjoni finanzjarja fi-ħdan it-tifsira tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (5).

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti massimi globali tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni li se jingħataw lil kull Stat Membru għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd għall-2012, u r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, huma stabbiliti fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 186, 15.7.2008, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 295, 4.11.2008, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2012.

Għall-Kummissjoni

Maria DAMANAKI

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS**IL-PROGRAMMI NAZZJONALI MILL-2011 SAL-2013****IN-NEFQA ELIĠIBBLI U L-KONTRIBUZZJONI MASSIMA TAL-UNJONI GĦALL-2012**

Stat Membru	Nefqa eliġibbli	Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni (Rata ta' 50 %)	(f'EUR)
Il-Belġju	2 108 145,00	1 054 072,50	
Il-Bulgarija	199 740,00	99 870,00	
Id-Danimarka	6 440 240,00	3 220 120,00	
L-Estonja	566 084,00	283 042,00	
L-Italja	7 859 576,00	3 929 788,00	
Ċipru	395 709,00	197 854,50	
Il-Latvja	337 444,00	168 722,00	
Ir-Rumanija	507 906,00	253 953,00	
Is-Slovenja	180 783,00	90 391,50	
Il-Finlandja	1 761 072,00	880 536,00	
Totali	20 356 699,00	10 178 349,50	